# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta tat-22 ta' Mejju 2023**

**Rikors Numru : 634/2022 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**AB**

**Vs**

**RB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AB datat 1 ta' Dicembru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Mejju 1993 gewwa (certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A);*

*Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied M u S, it-tnejn maggiorenni;*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt tas-17 ta' Lulju 2018, fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri, kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa u mmarkata Dok B;*

*Illi l-istess partijiet ilhom ghal dawn l-ahhar hames snin jghixu hajja kompletament independent minn xulxin u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;*

*Illi in oltre, l-partijiet ma ghandhom l-ebda pendenza bejniethom fir-rigward ta' manteniment;*

*Illi r-rikorrent jixtieq jiddivorzja u li z-zwieg tieghu mal-intimata jigi mahlul;*

*Illi t-talba tar-rikorrent tissodisfa l-kriterji impost mill-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iz-zwieg tieghu mal-intimata jigi xolt;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna li z-zwieg kuntrattat bejn ir-rikorrent u l-intimata fit-8 ta' Mejju 1993 jigi mahlul;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien iffissat minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 17 t'April 2023 (Vide Fol 18) li taqra hekk:

*Illi fl-ewwel lok il-konvenuta tirreferi ghal fatti kif elenkati mill-attur li mieghu kienet fiz-zwieg imma li sseparat fis-17 ta' Lulju tas-sena 2018 in atti tan-Nutar Claire Camilleri u f'dan il-kuntest hija taqbel mal-fatti kif elenkati;*

*Illi fit-tieni lok, il-konvenuta taqbel li hija u l-attur jissodisfaw r-rekwiziti tal-ligi ghall-ghoti tal-hall taz-zwieg u ma ssib l-ebda oggezzjoni li t-talbiet tal-attur jintlaqghu minn din in il-Qorti, b'dan imma li hija ma ghandhiex tbati l-ispejjez li nkorra l-attur sabiex inizja dawn il-proceduri;*

*Illi fit-tielet lok, l-intimata qieghda tannetti affidavit qasir taghha, hawn anness u mmarkat Dok RB 01.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet (Vide Fol 22) fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza, u d-digriet ta' din il-Qorti tat-18 t'April 2023.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 13) illi l-kontendenti zzewgu nhar fit-8 ta' Mejju 1993 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal illum maggiorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Lulju 2018 fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejniethom. Sostna illi ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet.

L-intimata xehdet (Vide affidavit Fol 19) u kkonfermat u kkorroborat ma dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Mejju 1993, liema zwieg jgib certifikat numru 594/1993 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal illum maggiorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Claire Camilleri nhar is-17 ta' Lulju 2018 (vide Dok B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet limitatament, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 594/1993 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**